Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Seduta tal-lum 05 ta' Gunju, 2020

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

Vs

Jonathan Roger Portelli

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jonathan Roger Portelli ta' 38 sena, iben Roger u Antoiniette Debrincat, mwieled Rabat Ghawdex, nhar 3 ta' Mejju 1982, residenti Flat 12, 'Ulysses Village', triq il-Qsajjem, Munxar Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 32782G talli fl- **4 ta' Mejju 2020 ghall-habta ta' 12.00p.m. u fil-granent u l-gimghat ta' qabel gewwa Rabat Ghawdex u/jew fil-gzira ta' Ghawdex;**

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D) b'digriet ta' nhar it-11 ta' Ottubru 2013 u dan bi ksur ta' 579(1) tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti intalbet tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Jonathan Roger Portelli, u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll

intalbet li l- garanzija personali tghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2020;

Rat illi l-kawza giet posposta sabiex tinghata sentenza fil-5 ta' Gunju, 2020;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta nghata l-helsien mill-arrest. L-Ufficjal Prosekutur ipprezenta d-Digriet relattiv li gie mmarkat bhala Dok. "BS7". Matul is-smigh tal-kawza irrizulta illi l-prosekuzzjoni kienet qed tibbaza l-akkuza taghha fuq il-ksur tat-tielet kundizzjoni tad-Digriet datat 11 ta' Ottubru, 2013, moghti mill-Mag. P. Coppini bl-liema kundizzjoni l-akkuzat kien marbut li ma jkellimx jew javvicina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Id-digriet jidentifika min huma ix-xhieda tal-prosekuzzjoni b'isimhom bhala Christopher Bartolo u Joseph Grech u jorbot lil akkuzat illi lanqas ma jista jersaq lejn ir-residenza ta dawn ix-xhieda.

Fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2020 il-prosekuzzjoni ipprezentat tlett xhieda kif ukoll filmat mehud mill-kamera tas-sigurta tal-Bank of Valletta li jinsab fi triq it-Tigrija, Victoria, kif ukoll *stills* li juru lill-akkuzat u il-vettura tax-xhud Joseph Grech fi Triq it-Tigrija, Victoria. Mix-xhieda ta' l-Ispettur Spiteri irrizulta illi r-rapport li dahal ghand il-Pulizija sar minn Joseph Grech li huwa l-istess persuna identifikata bhala xhud fid-digriet tal-2013.

Xehed ukoll Joseph Grech u qal li l-akkuzat resaq vicin tieghu tlett darbiet – darba meta kien fil-parkegg hdejn il-venda tal-karozzi tal-linja , Victoria.

Jghid li dakinhar l-akkuzat rah u baqa jsuq warajh sakemm imbaghad baqa sejjer fi triqtu, darb'ohra kien go hanut "Beehive", fejn mar jiehu kafe, dahal l-akkuzat ma terz u ghadda kliem offensiv u t-tielet darba meta kien ghaddej isuq fi Triq it-Tigrija, Rabat, l-akkuzat ghamillu mossa oxxena. Din l-ahhar darba dan ix-xhud jghid illi mieghu kien hemm zewg persuni ohra u ir-rapport ghamlu wara dan l-incident.

Xehed ukoll Lee Camilleri li irrepeta l-verzjoni li ta' Joseph Grech izda meta muri r-ritratti ma setghax jikkonferma li l-persuna li kien hemm fir-ritratti kienet l-akkuzat u lanqas seta jghid b'certezza li l-karozza kienet dik misjuqa minn Joseph Grech. Dan ix-xhud qal illi huma marru l-Bank u wara dahlu fil-karozza. Huwa rikeb fuq wara, n-naha tax-xellug, wara l-passiggier ta' quddiem. Afferma illi ra lil akkuzat jaghmel il-mossa oxxena fid-direzzjoni taghhom.

Xehed Jose Barbetti u fil-waqt li afferma li setgha jaraf lil akkuzat fir-ritratti ikkonferma li huwa kien riekeb fil-karozza ma Grech u Camilleri, magenb ix-xufier fuq quddiem. Xehed illi waqt li Grech kien qed isuq huma raw lil akkuzat jaghmel il-mossa oxxena u ghal ewwel ix-xhud haseb illi kienet diretta ghalih izda Grech qallu li kienet intenzjonata ghalih.

**IKKUNSIDRAT**

Mill-provi jirrizulta illi l-lok li fiha sehh l-allegat incident kien triq it-Tigrija, Victoria. Fuq dan ma hemmx dubju. Rigward l-allegat mossa oxxena, il-Qorti analizzat sew ir-ritratti kif ukoll il-kontenut tal-filmat u ma setghetx tikkonkludi definittivament illi l-akkuzat effettivament ghamel is-sinjal oxxen kif qed tallega il-prosekuzzjoni. Billi mill-filmat ma hux car x'ghadda, jekk ghadda, bejn l-akkuzat u x-xhud Grech, il-Qorti fliet bir-reqqa il-verzjoni moghtija mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

L-ewwelnett il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi Joseph Grech irrakonta tlett incidenti fejn skond hu l-akkuzat resaq lejh, ghadda kummenti u darb'ohra ghamillu sinjal oxxen, izda minkejja dan ghazel illi jaghmel rapport wiehed biss. Dan ir-rapport gie ipprezentat fl-atti[1], huwa datat 4

[1] A fol 4

ta' Mejju, 2020 u sar fl-erbgha ta wara nofs inhar, dak inhar meta allegatament l-akkuzat ghamel il-mossa oxxena. Huwa minnu illi fir-rapport jissemmew id-drabi l-ohra elenkati mix-xhud meta l-akkuzat allegatament qal diskors dirett lejh madankollu dan ix-xhud ghazel illi jirrakkonta dawn l-incidenti zmien wara li sehhew. Dan il-fatt wahdu jtappan il-kredibilita tal-verzjoni moghtija minn Joseph Grech. Oltre dan il-Qorti ma tistax ma tinnutax kif l-allegata mossa oxxena sehhet fi Triq it-Tigrija ftit passi l-boghod mill-ghassa tal-pulizija, fl-ghaxra ta' filghodu u Joseph Grech ghazel li jaghmel ir-rapport fl-erbgha ta wara nofs inhar.

Rigward ix-xhud Lee Camilleri, dan ma setgha jaraf xejn mill-istills u lanqas setgha jidentifika lill-akkuzat. Madankollu qal illi ra lil akkuzat jaghmel il-mossa oxxena u li hu kien fil-karozza ma Grech u Barbetti, riekeb fuq wara, in-naha tax-xellug.

Da parti ta' Jose `Barbetti dan jghid illi dak inhar ta' l-incident huwa kien fil-karozza ma Joseph Grech u Lee Camilleri u kienu r-Rabat u li l-akkuzat ghamel il-mossa oxxena meta kienu waslu quddiem l-istabbiliment Duke's. Imbaghad ftit wara jghid illi kollox sehh hdejn il-venda tal-karozza tal-linja li tinsab bejn il-bank of Valletta u Duke's. Jghid ukoll illi l-akkuzat gibed il-flus mill-ATM tal-Bank of Valletta u jghid illi rah ukoll niezel lejn Duke's. Dan ifisser illi x-xhieda kienu telghin fi Triq Tigrija, rekbin fil-karozza ta' Joseph Grech u li l-akkuzat kien niezel l-isfel fid-direzzjonii opposta. Barbetti jixhed wkoll illi ra lil akkuzat jaghmel il-mossa u li Grech spjegalu li dik il-mossa kienet diretta ghalih ( jigifieri ghal Grech). Minn analizi ta' dawn il-fatti kif rakkontati hija l-fehma ta' din il-Qorti li d-dettal moghti minn dan ix-xhud rigward x'kien qed jaghmel l-akkuzat, fl-ghaxra ta' filghodu fi Triq it-Tigrija, Victoria, li l-Qorti tinnota hija triq principali u passagguza ferm, jindika illi il-persuni fil-karozza kienu ghassa mhux hazin ta' l-akkuzat. Barra minn hekk il-Qorti tirrileva wkoll illi mix-xhieda jirrizulta li Joseph Grech kien qed isuq u allura huwa ferm dubjuz kemm effettivament ra dak illi jallega fir-rapport aktar u aktar meta il-mossa allegata hija biss ta ftit sekondi.

Anke meta analizzati l-provi kollha pprezentati mill-prosekuzzjoni u mhux kontradetti mid-difiza jirrizulta li l-akkuzat mar l-ATM jigbed il-flus u kien fi triqtu l-isfel sejjer lejn Duke's, li incidentalment hija fejn tirrisjedi ommu, filwaqt li Joseph Grech u zewg xhieda l-ohra kienu fil-vettura tax-xhud Grech telghin il-fuq. Apparti li kif gia inghad mir-ritratti u l-filmat il-Qorti ma setghetx tikkonferma l-verzjoni tax-xhieda li

l-akkuzat ghamel mossa offensiva diretta lejn Joseph Grech, pero` ma jirrizultax illi l-akkuzat kien intenzjonalment niezel minn dik it-triq sabiex javvicina lix-xhud. Ma ngabet ebda prova li Portelli kien qed isegwi lil Grech. Jirrizulta biss illi Portelli u Grech inzertaw ghaddejjn mill-istess inhawi.

Di piu' tajjeb jinghad illi t-tielet kundizzjoni tal-helsien mill-arrest[2] taghmilha cara illi l-akkuzat ma setghax la javvicina u lanqas ikellem, direttament jew indirettament lil xi xhud. Pero mill-provi kollha mressqa quddiem din il-Qorti l-ebda wahda ma kienet tipprova sufficjentement sal grad rikjest fil-kamp kriminali li l-akkuzat avvicina jew kellem lix-xhud Joseph Grech. Dan qed jinghad stante illi trid issir distinzjoni bejn akkuzat illi javvicina xhud intenzjonalment u akkuzat illi b'kumbinazzjoni jkun ghaddej mill-istess post li jinzerta jkun ghaddej minnu ix-xhud.

Ebda prova ma ngabet illi l-akkuzat kellu jew immanifesta l-intenzjoni illi javvicina jew ikellem lil Grech. Grech inniffsu afferma illi f'incident minnhom, hu ra lill-akkuzat ghaddej bil-mutur meta huwa kien ipparkjat. L-akkuzat kien ghaddej fi triqtu. Darb'ohra meta dan ix-xhud kien qed jixtri il-kafe dahal l-akkuzat fl-istess hanut izda meta ra lix-xhud hemm rega hareg. Ghalkemm ix-xhud jafferma illi dak inhar l-akkuzat ghadda kummenti spreggjattivi fil-konfront tieghu madankollu Grech ghazel illi jirrakkonta dan kollu zmien wara.

Tenut kont ta' dan kollu hija l-opinjoni ferma tal-Qorti illi l-akkuza kontra Jonathan Roger Portelli ma gietx ippruvata.

**DECIDE.**

Illi kwantu għall-imputazzjoniji miġjuba fil-konfront ta' Jonathan Roger Portelli, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi ta' ksur ta kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest bi provi legalment ammissibbli lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u għalhekk

[2] fol 13

qegħda ssib lil Jonathan Roger Portelli mhux ħati tar-reat addebitat lilu u ghalhekk qed tilliberah minn kull ħtija u piena dwaru.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur